Diċembru 2016 — Ħarġa 293



# Ħolqa Bejnietna

*Parroċċa Sant'Anna, Wied il-Għajn*

Maħruġ mill-Kunsill Pastorali Parrokkjali



*Il-Kelma tal-Kappillan*

## Happy Birthday!

**Se nkantawlu Happy Birthday?
Se nawgurawlu? Se nifirħu miegħu?**

Il-Milied, il-ġumata li fiha niċċelebraw it-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu. Kemm hu sabiħ dan il-jum. In-nota ta' ferħ tiddomina l-familji tagħna, il-postijiet tax-xogħol u d-divertiment. Iżda f'qalbna hemm ferħ, hemm kuntentizza vera li jġib miegħu dan iż-żmien?

Il-ferħ tal-Milied jimla l-qalb u l-ħajja kollha ta' dawk li jiltaqgħu ma' Ġesù. Il-Milied ifakkarna li aħna għandna bżonn lil Ġesù, it-tarbija ta' Betleħem li toħloq fina ħeġġa sabiex nibqgħu miegħu, Hu li jżommilna għajnejna, widnejna u qlubna miftuħa għall-possibiltajiet ta' ħajja ġdida fi ħdan il-familja tiegħu li hija l-Knisja.

**Se nkantawlu Happy Birthday?
Se nikkomunikaw miegħu?**

Meta nwasslu l-awguri tagħna lil xulxin infittxu li nikkomunikaw bejnietna. Bħala Parroċċa aħna naraw kif nagħmlu biex nikkomunikaw, hemm l-avviżi, il-paġna ta' facebook u l-emails sabiex inwasslu l-aħbarijiet tagħna lil xulxin. Flimkien mhux biss naqsmu aħbarijiet imma wkoll dak li qed jiġri f'ħajjitna. Fil-gruppi u l-għaqdiet tagħna nisimgħu lil xulxin, nitkellmu u nirriflettu dwar ħajjitna u naraw kif nistgħu nkunu ta' sapport għal xulxin għax ħajja mingħajr djalogu mhix ħajja.

L-istess għamel Alla magħna. Alla tkellem magħna, qasam ħajtu magħna. Elfejn sena ilu Alla inqeda b'Marija, tfajla umli li permezz tagħha sar bniedem. Il-presepji tagħna jikxfu l-imħabba ta' Alla għalina l-bnedmin meta nsibu "tarbija mfisqija u mimduda f'maxtura." Lq 2:12.

Dal-Milied ejjew nieħdu l-impenn sabiex inħarsu lejn il-qalba tal-Milied li huwa Ġesù u f'għajnejh ejjew naraw it-tama tal-umanità. L-aħwa, ejjew inkunu lesti għall-possibiltajiet ġodda! Fi żmien l-Avvent ejjew inħalluh jippreparalna post fid-dar tiegħu u min-naħa tagħna nkunu lesti għal ħajja li tinbidel u tkun ta' sfida għalina biex inkunu dixxipli tar-Ragħaj it-tajjeb tagħna fis-soċjetà tal-lum.

Quddiem il-presepju, bħala familja, ejjew ma nibżgħux inkantawlu, nawgurawlu u nifirħu flimkien miegħu, għax b'Ġesù fostna jkollna tassew il-Milied it-Tajjeb!

Kunu mberkin
Dun Roderick Camilleri
Kappillan





## *Avvent – Żmien ta' stennija*

***Peter u Stephanie Spiteri***



Ninsabu fi żmien l-Avvent, żmien ta' proċess u preparazzjoni fejn, bħalma għamlet Marija mill-mument li dehrilha l-anġlu, inħejju qalbna għall-miġja ta' Ġesù.

Aħna wkoll ninsabu fi żmien ta' preparazzjoni għal tarbija ġdida, għax, għal żmien il-Milied, qed nistennew it-twelid tal-ewwel tarbija tagħna. L-istennija hija żmien importanti għax isservi bħala preparazzjoni għal dak li jkun ġej. L-istennija tgħinek taċċetta li fid-dinja ma jsirx kollox f'daqqa u kollox irid jieħu ż-żmien tiegħu. Mingħajr stennija, li minnha nfisha hija wkoll tip ta' tbatija, ir-riżultat ma jkunx daqstant sodisfaċenti.

Twelid ta' tarbija ġdida jġib miegħu ħafna ferħ, iżda jġib ukoll ħafna xogħol. Fil-ħajja, biex ikollok il-ferħ trid taħdem u xi drabi wkoll tbati għaliex xejn ma jiġi waħdu mix-xejn. L-imħabba li għallimna Ġesù timxi id f'id mat-tbatija u għalhekk huwa għażel li jitwieled ġo maxtura f'għar tal-annimali. Għaldaqstant, hu kellu l-imħabba ta' Alla u tal-ġenituri tiegħu u għalhekk kellu kollox.

F'dan iż-żmien, huwa faċli li titħawwad u ma tifhimx xi jkun ġej malli tiġi t-tarbija, bħalma ġralha Marija meta derilha l-anġlu. Hi ħalliet kollox f'idejn Alla u afdat fis-sħiħ fil-pjan tiegħu. Aħna wkoll, speċjalment f'dan iż-żmien, irridu nħallu f'idejH u nafdaw li Hu se jmexxina u jiggwidana biex inkunu ġenituri ta' eżempju nisrani għall-wild ġdid tagħna.


**Tuition Courses**

**Primary** – Mathematics, Maltese & English

**Secondary** – Form 1 - 5 / 'O' Level (Mathematics, Physics, English, Maltese, Italian, Biology & Chemistry)
Intermediate/Advanced – Pure Maths, Physics , Maltese, Italian & English.

**MCAST** – Maths & Physics

**We Offer** -
- Graduate and Experianced teachers
- Small Groups
- Four tuition centres : Marsaskala , Kalkara, Ħamrun & Birkirkara.

**TelNos** - 21660812 – 21472561 - 99458791




Il-Kappillan u s-Saċerdoti flimkien
mal-Kunsill Pastorali Parrokkjali
u l-Kumissjonijiet jixtiequ

l-Milied it-Tajjeb

lill-Iskalin kollha u jawguraw li
l-kuntentizza tal-Mulej Ġesù tgħix
fil-qlub tal-familji kollha tagħna.



## … and they have found a home away from home.

***Fr Victor Agius***

For these last two years I have been asked by our parish in Marsaskala, to celebrate the 11:00 am Sunday Mass in English for residents or tourists who, not being able to understand the Maltese language, would like to have the Sunday Mass. The Mass is celebrated in a very small and beautiful chapel dedicated to Our Lady of the Rosary at Villa Apap Bologna. It is a small community of around 100 people composed of so many different countries from all over the world. You would wonder how you feel in such a community with such a diversity of peoples. However the opposite is experienced.

Often times after the celebration of the Mass several persons stay to greet and to know the people around and we frequently listen to comments which surprise us: this has been the best moment of my stay in Malta… My family has found a home away from home… God seems to be telling me something. Would it be Mary who is gathering all of us under the mantel of her maternal love and giving us her son Jesus?

As we wish to all foreign residents in Malta a very happy and holy Christmas we invite all of you to our mid-night Christmas Mass on the 24 December at 9 pm followed by a small Christmas Party at the Villa.

God bless you all
Fr. Victor



**PRIVAT**

**Marsaskala**

**Pure Maths A/I Level**

**Maths / Physics O-Level**

**TEL : 21641633**

**Mob.: 79796770**

**CUTAJAR**
Funeral Services

69 St. Helen Street Cospicua
Tel: 2182 6277
ALLAN 9949 2001
9942 3440
IVAN 9942 4599
Email: mcfunerals@gmail.com

# Mill-Ħajja tal-Parroċċa - Diċembru 2016

| | | |
|---|---|---|
| **2** | **Diċ** | **Fl-4:30pm tberik tad-djar fi Triq Gidwet u Triq is-Skiet.** |
| 3 | Diċ | Fl-10:30am laqgħa ta' Preparazzjoni tal-Magħmudija fis-Sala Sant'Anna. |
| 4 | Diċ | It-2 Ħadd tal-Avvent. Fl-10:15am Quddiesa bis-Sagrament tal-Magħmudija. |
| **6** | **Diċ** | **Fl-4:30pm tberik tad-djar fi Triq il-Munxar.** |
| 7-11 | Diċ | Pellegrinaġġ għal-Lourdes organizzat mill-Parroċċa. |
| 8 | Diċ | It-Tnissil bla Tebgħa tal-Verġni Marija. |
| **9** | **Diċ** | **Fl-4:30pm tberik tad-djar fi Triq il-Vjola.** |
| 10 | Diċ | Attività fis-Sala Sant'Anna mill-Grupp tal-Armar tal-Parroċċa. |
| 11 | Diċ | It-3 Ħadd tal-Avvent. |
| 13 | Diċ | Ħarġa għal Għawdex u nżuru l-Presepju ta' Għajnsielem. |
| 15 | Diċ | Fil-Quddiesa tas-6:00pm jingħaqdu magħna s-saċerdoti tad-Dar tal-Kleru. |
| 16 | Diċ | **Tibda n-Novena tal-Milied.** Fis-6:00pm quddiesa tan-novena animata mis-Soċjetà tal-Museum. Wara l-Quddiesa tluq minn quddiem is-Sala Sant'Anna għall-Ikla tal-Milied organizzata mill-Parroċċa. |
| 17 | Diċ | Fis-6:30pm quddiesa tan-novena animata mill-Kummissjoni Familja. |
| 18 | Diċ | Ir-4 Ħadd tal-Avvent. Fil-Quddiesa tad-9:15am ikun hemm it-tberik tal-Bambini u Presepji. **Fl-10:15am Quddiesa u Barka fuq it-Tarbija fil-ġuf.** Fis-6:00pm quddiesa tan-novena. |
| 19 | Diċ | Fis-6:00pm quddiesa tan-novena animata miċ-Ċentru tal-Katekiżmu tal-Munxar. |
| 20 | Diċ | Fid-9:30am Quddiesa u *Party* mill-Caritas Social Club fis-Sala Sant'Anna. Fis-6:00pm quddiesa tan-novena animata mill-Kummissjoni Djakonija. |
| 21 | Diċ | Fid-9:30am *Party* mill-Mother and Baby Club fis-Sala Sant'Anna. Fil-5:00pm *Party* għat-tfal taċ-Ċentru tal-Katekiżmu tal-Munxar fis-Sala Sant'Anna. Fis-6:00pm quddiesa tan-novena animata mill-Kummissjoni Liturġija. |
| 22 | Diċ | Fis-6:00pm quddiesa tan-novena. **Fis-7:00pm Kunċert tal-Milied fis-Sala Sant'Anna.** |
| 23 | Diċ | Fis-6:00pm quddiesa tan-novena animata mill-adolexxenti u ż-żgħażagħ tal-Parroċċa. Wara jkollhom party fil-Youth Centre fil-Villa Apap Bologna. |
| 24 | Diċ | **Lejliet il-Milied. Il-Quddies fil-Knisja Parrokkjali jkun fil-5:15pm, 6:30pm u 8:00pm. Fis-5:45pm Purċissjoni tal-Bambin li tibda minn Triq is-Silla. Wara l-purċissjoni fis-7:15pm jkun hemm programm mit-tfal fil-knisja. Fl-11:00pm Velja tal-Milied u f'12:00am il-Quddiesa tal-Milied.** |
| **25** | **Diċ** | **Il-Milied Imqaddes. Il-Quddies fil-Knisja Parrokkjali jkun fis-6:30am, 8:00am, 9:15am, 11:00am quddiesa bl-Ingliż fil-Kappella tal-Madonna tar-Rużarju u fis-6:00pm.** |
| 27 | Diċ | **Nifirħu u nitolbu għal Fra Kurt Mizzi O.Carm mill-Parroċċa tagħna li ser jiġi mogħti l-Ministeru tal-Akkolitat fil-Knisja Bażilka tal-Madonna tal-Karmnu l-Belt Valletta.** Fil-5:00pm jitlaq it-trasport minn ħdejn is-Sala Sant'Anna. |
| **29-31** | **Diċ** | **Kwaranturi.** Ħin ta' Adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija fil-Knisja Parrokkjali mit-8:15am sa 12:00pm u mill-4:00pm sas-6:00pm. |
| **31** | **Diċ** | Il-Quddies fil-Knisja Parrokkjali jkun fil-5:15pm, fis-6:30pm u **fit-8:00pm Quddiesa mmexxija mill-Arċisqof Emeritus Mons. Pawlu Cremona O.P. li fiha jitkanta Te Deum u nagħtu bidu għas-Sena li fiha ser niċċelebraw is-70 Sena mill-wasala tal-Istatwa Titulari ta' Sant'Anna fir-raħal tagħna.** Fid-9:15pm nkomplu naqsmu dan il-ferħ flimkien fin-New Year's Eve Party fis-Sala Sant'Anna. Biljetti mill-Uffiċċju Parrokkjali. |
| **1 ta' Jannar** | | **Is-Solennità ta' Marija Omm Alla u Jum il-Paċi.** Il-Quddies fil-Knisja Parrokkjali jkun fis-6:30am, 8:00am, 9:15am, 11:00am quddiesa bl-ingliż fil-Kappella tal-Madonna tar-Rużarju u fis-6:00pm. **Is-Sena t-Tajba.** |